MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta ta' l-1 ta' April, 2003

**Hoti LAL in rappreżentanza tal-Kummissjoni Għolja Indjana**

**vs**

**Joseph DINGLI**

## Il-Qorti:

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fis-16 ta’ Frar, 2001, li bih l-attur *nomine* ippremetta:

Illi fis-27 ta’ Marzu, 2000, fi Triq il-Kuċċard, San Ġiljan, filwaqt li l-vettura proprjeta’ tal-attur, il-vettura *Mercedes Benz* Numru tar-reġistrazzjoni CDA-801, li kienet qegħda tiġi misjuqa minn Carmel Borġ, il-konvenut li kien qed isuq il-vettura Numru tar-reġistrazzjoni ABE-398, bi traskuraġni, imprudenza, negliġenza u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku ħabat mal-vettura

proprjeta' tal-attur u ikkaġonalha danni ammontanti għal LM 1728.53, u ħsarat konsiedervoli kif ser jiġi ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża fl-ismijiet premessi kif ukoll kif joħroġ ċar mill-annessi dokumenti immarkati bħala Dok. A-J;

Illi, għalkemm interpellat diversi drabi, il-konvenut baqa' inadempjenti;

Talab għalhekk l-attur *nomine* lil din il-Qorti:

1. Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli għall-inċident imsemmi;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta' LM 1728.53, jew somma oħra verjuri, riżultat tal-istess kolliżjoni u dan okkorrendo b'opera ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' danni hekk likwidata;

Bl-ispejjeż u l-interessi legali mid-data tal-inċident awtomobilistiku, inklużi dawk tal-ittra legali datata 1 ta' Ġunju, 2000, u tal-ittra uffiċjali ippreżentata kontestwalment kontra l-konvenut li jibqa' minn issa inġunt għas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa, u n-Nota tax-xiehda tal-attur *nomine*, flimkien mal-għaxar (10) dokumenti mehmużin magħha;

Rat id-Degriet ta' din il-Qorti tad-19 ta' Frar, 2001, li bih appuntat is-smigħ tal-kawża għat-22 ta' Marzu, 2001;

Rat li l-imħarrek, notifikat kif imiss fit-23 ta' Frar, 2001, bl-Att taċ-Ċitazzjoni u bl-Avviż tas-Smigħ[1], ma ressaq l-ebda kontestazzjoni għat-talbiet attriċi fiż-żmien mogħti lilu mil-liġi u għalhekk waqa' kontumaċi;

---

[1] Paġ. 16 *tergo*, tal-proċess

Rat il-verbal tas-smigħ tat-22 ta' Marzu, 2001, li matulu l-imħarrek, permezz tal-avukat tiegħu, talab lil din il-Qorti tagħtih il-jedd li jikkontesta l-kawża, għal liema talba l-avukat tal-attur *nomine* oppona fuq struzzjonijiet tal-klijent tiegħu;

Rat id-degriet tagħha tas-16 ta' Mejju, 2001[2], li bih ordnat li l-proċediment tal-kawża, safejn possibbli, jitmexxa bl-ilsien ingliż;

Rat il-provvediment tagħha tal-11 t'Ottubru, 2001[3], li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, sabet li l-imħarrek ma tahiex raġuni tajba biex jiġġustifika l-kontumaċja tiegħu;

Semgħet ix-xhieda tal-attur *nomine*, magħduda dik imressqa bil-mezz tal-affidavit;

Rat id-Degriet tagħha tal-10 ta' Jannar, 2002[4], li bih tat lill-imħarrek żmien biex iressaq Nota ta' Sottomissjonijiet skond l-artikolu 158(10) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-21 ta' Frar, 2002, li fih l-avukat tal-imħarrek iddikjara li ma kienx fi ħsiebu jressaq Nota ta' Sottomissjonijiet;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-Degrieti tagħha tal-25 t'April, 2002, u tas-27 ta' Settembru, 2002, li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija kawża dwar ħabta bejn żewġ karozzi li seħħet f'San Ġiljan fis-27 ta' Marzu tal-2000. L-attur *nomine*, sid

---

[2] Paġ. 20 tal-proċess
[3] Paġġ. 30-8 tal-proċess
[4] Paġ. 52 tal-proċess

tal-karozza tal-għamla *Mercedes Benz 230* reġistrata CDA-801, jgħid li l-imħarrek, dak il-ħin sewwieq tal-karozza tal-għamla *Mazda 818* reġistrata ABE-398, jaħti għall-ħabta. L-attur *nomine* qiegħed ifittex lill-imħarrek għall-ħlas tad-danni minħabba l-ħsarat li ġarrbet il-karozza tal-Kummissjoni Għolja, li tagħha l-attur huwa rappreżentant;

Illi mill-fatti li joħorġu mil-atti tal-kawża, jirriżulta[5] li l-ħabta seħħet fis-27 ta' Marzu, 2000, wara nofsinhar. Il-karozza CDA-801 kienet misjuqa minn Carmel Borġ, xufier tal-Kummissjoni, li kien qiegħed iġorr lill-Aġent Kummissarju Għoli G.L. Bali għal funzjoni uffiċjali[6]. Il-karozza tal-Kummissjoni kienet nieżla minn Triq il-Kuċċard, San Ġiljan, biex tidħol fi Triq Birkirkara. L-imħarrek kien dieħel minn Triq Birkirkara għal ġo Triq il-Kuċċard;

Illi minn dokumenti mressqin waqt is-smigħ[7] jidher li l-ħabta seħħet qrib ir-*round-about* li tgħaqqad Triq Birkirkara, San Ġiljan, mal-*By-Pass* ta' Triq Reġjonali (Triq Mikiel Anton Vassalli) ħdejn il-Pont Ġuże' Ellul Mercer. It-triq mnejn kienet ħierġa l-karozza tal-attur *nomine* hija għan-niżla filwaqt li t-triq li fuqha kien qiegħed isuq l-imħarrek kienet xi ftit għat-telgħa u hu kien dieħel biex jaqsam Triq il-Kuċċard biex jitla' għal ġol-*By-Pass*. Jirriżulta li sewwieq ħiereġ minn Triq il-Kuċċard (jew aħjar Triq il-Bies) għal ġo Triq Birkirkara ma jistax idur lejn il-lemin tiegħu, imma jrid idur lejn ix-xellug kif joħroġ fuq Triq Birkirkara, jiġifieri mid-direzzjoni li kien ġej fiha l-imħarrek. Minbarra dan, sewwieq ħiereġ minn Triq il-Kuċċard għal fuq Triq Birkirkara jrid jieqaf qabel joħroġ, u fil-fatt hemm sinjal għall-waqfien f'tarf l-imsemmija triq;

Illi, mid-dokumenti mrressqin, jidher ukoll li l-ħsara fil-karozza tal-attur *nomine* kienet fuq in-naħa tal-lemin quddiem fin-naħa tas-sewwieq, filwaqt dik fil-karoza misjuqa mill-imħarrek kienet fuq quddiem fin-naħa tal-passiġġier. Mix-xiehda tax-xufier Borġ[8], jirriżulta li hu kien qiegħed joqrob lejn Triq Birkirkara u l-ħabta seħħet meta

[5] Dok "K", f'paġġ. 42-4 tal-proċess
[6] Ara affidavit attur *nomine* f'paġ. 41 tal-proċess
[7] Ritratti "CB1" sa "CB4" mressqa waqt is-smigħ tal-10.1.2002
[8] 10.1.2002, f'paġġ. 54-5 tal-proċess

kien għadu sewwa fi Triq il-Kuċċard u ma kienx għadu waqaf għal kollox;

Illi għal dak li jirrigwarda min jaħti għall-ħabta, għandu mill-ewwel jingħad li, mill-bixra tal-inħawi nfushom, Triq Birkirkara hija triq ewlenija meta mqabbla ma' Triq il-Kuċċard: is-sinjal ta' waqfien f'tarf din l-aħħar triq jixhed dan. Minbarra dan, Triq Birkirkara, f'dik il-parti li l-karozza tal-attur *nomine* kienet ħierġa fuqha, hija miftuħa f'direzjoni waħda, 'l fuq lejn ix-xellug ta' min ikun ħiereġ fuqha. Sinjal f'tarf din it-triq li juri li ma jistax idur traffiku lejn il-lemin jixhed dan;

Illi l-imħarrek ma stqarrx il-ħtija tiegħu għall-ħabta[9], u dan il-fatt, b'żieda mal-fatt tal-kontumaċja tiegħu, juri li l-attur *nomine* irid jipprova x-xilja tiegħu li l-imħarrek jaħti għall-ħabta;

Illi hija regola ġenerali fi kwestjonijiet ta' stħarriġ ta' responsabbilta' f'ħabta, li kull sewwieq irid iħares żewġ regoli ewlenin, jiġifieri (a) li jirregola s-sewqan tiegħu skond iċ-ċirkostanzi kollha tal-inħawi fejn ikun (magħduda magħhom il-konfigurazzjoni tat-triq, il-ħin u l-kundizzjonijiet atmosferiċi), u (b) li jżomm attenzjoni (*proper look-out*) dwar dak li jkun qiegħed iseħħ fil-qrib jew huwa mistenni li jseħħ minnufih[10]. Naturalment, meta wieħed jiltaqa' ma' ċirkostanza fejn it-toroq ikollhom siwi mhux l-istess, tiżdied fuq is-sewwieq li jkun fuq it-triq l-anqas importanti responsabbilta' akbar fil-konfront ta' sewwieq fuq triq aktar importanti;

Illi, wara li saru dawn il-kostatazzjonijiet, irid għalhekk jingħad li s-sewwieq tal-karozza tal-attur *nomine* kellu dmir joqgħod attent u jagħti d-dritta lit-traffiku li jkun tiela' min-naħa tal-lemin tiegħu fuq Triq Birkirkara[11]. Il-każ jieħu xejra oħra, madankollu, għaliex fil-każ preżenti l-imħarrek ma kienx sejjer jibqa' tiela' tul Triq Birkirkara, imma daħal huwa stess fi Triq il-Kuċċard biex jitla' iżjed 'il fuq lejn il-

---

[9] Ara Dok "D", f'paġ. 8 tal-proċess

[10] Ara, per eżempju, P.A. RCP **26.4.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Formosa & Camilleri Ltd. et noe vs Joseph Camenżuli*** (mhix pubblikata) [Ċit. 427/97] u P.A. PS **21.10.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Stefan Bonello vs Carmelo Abela*** (mhix pubblikata) Ċit. 1246/92]

[11] Ara P.A. GV **30.3.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Gasan Insurance Agency Limited vs Joseph DeLeonardi*** (mhix pubblikata) [Ċit. 2589/96]

pont u jgħaddi taħtu. Jirriżulta[12] li l-ħabta ma seħħitx fuq Triq Birkirkara, imma fi Triq il-Kuċċard, u 'lura sewwa mis-sinjal tal-waqfien. F'dan il-każ, l-imħarrek kien sejjer tabilfors jaqsam il-medda ta' triq li fiha kienet il-karozza tal-attur *nomine*. Fiċ-ċirkostanzi, jitnisslu obbligi fuq l-imħarrek bħala sewwieq fuq it-triq ewlenija fil-konfront ta' sewwieqa ħerġin mit-triq sekondarja[13];

Illi għalhekk, ir-regola li s-sewwieq fuq triq sekondarja jitgħabba b'iżjed responsabbilta' minn sewwieq fuq triq ewlenija li fuqha tal-ewwel ikun ħiereġ (għalkemm din ukoll m'hijiex regola inflessibbli[14]), ma tibqax tapplika iżjed. Fil-każ preżenti, dan jidher li iżjed kien japplika minħabba li t-triq li għal ġo fiha l-imħarrek deher li kien sejjer jaqbad (it-triq li tgħaddi minn taħt il-pont) kienet diġa' okkupata mill-karozza tal-attur *nomine* li kienet qegħda toqrob bil-mod lejn is-sinjal tal-waqfien fi Triq il-Kuċċard;

Illi, mill-bixra tal-post, filwaqt li sewwieq li nieżel minn dik il-parti ta' Triq il-Kuċċard, għandu viżwali limitata ta' dak li jkun qiegħed iseħħ fi Triq Birkirkara sakemm jasal qrib ħafna tas-sinjal tal-waqfien, sewwieq li minn Triq Birkirkara jkun irid jidħol fuq ix-xellug tiegħu[15] għal ġo Triq il-Kuċċard, irid joqgħod iżjed attent minħabba li t-traffiku li jkun nieżel minn Triq il-Kuċċard huwa mgħotti mill-bini li hemm fil-qrib. B'dan m'għandux jinftiehem li min ikun nieżel minn Triq il-Kuċċard huwa meħlus mir-responsabbilta' li jara x'traffiku ġej lejn dik it-triq: għall-kuntrarju, ir-responsabbilta' tibqa' waħda għolja[16];

Illi l-ħabta seħħet fid-dawl tax-xemx, u, mid-dokumenti mressqin jidher li kien temp sabiħ. Ma jirriżultax li s-sewwieq tal-karozza tal-attur *nomine* kien qiegħed isuq fuq naħa ħażina tat-triq jew li kien qiegħed isuq b'veloċita'. Għall-kuntrarju, joħroġ li huwa kien fuq in-naħa tiegħu li

---

[12] Ara l-iskizz tal-ħabta f'paġ. 45 tal-proċess

[13] App. Inf. **2.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Elmo Insurance Services Limited vs Glenn Micallef*** (mhix pubblikata)

[14] Ara P.A. **4.4.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Buġeja vs Żammit*** (Kollez. Vol: **LXVIII.ii.446**)

[15] Regolament 71 tal-A.L. 128/94

[16] Ara P.A.FDP **12.5.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Formosa & Camilleri Ltd. vs Kevin J. Fenech*** (mhix pubblikata) [Ċit. 1220/96]

wieħed kien jistenna li karozza tkun f'dik il-parti tat-triq, u li ma kienx qiegħed isuq b'veloċita', imma kien qiegħed inaqqas biex jieqaf għal kollox. L-abbli difensur tal-imħarrek argumenta li l-fatt li s-sewwieq Borġ stqarr li huwa kien għadu ma waqafx għal kollox meta seħħet il-ħabta, jitfa' l-ħtija fuqu u mhux fuq l-imħarrek. Dan l-argument, bl-akbar rispett, ma jreġix fiċ-ċirkostanza preżenti, għaliex is-sewwieq tal-karozza tal-attur *nomine* ma kienx għadu wasal fejn is-sinjal tal-waqfien, u kien ikun tassew irresponsabbli għalih li jieqaf iżjed 'lura mis-sinjal jekk tassew ried ikun f'qagħda li jara sewwa jekk jistax joħroġ fuq Triq Birkirkara;

Illi l-abbli difensur tal-imħarrek iressaq ukoll l-argument li, mnejn kien dieħel il-klijent tiegħu, jidħlu karozzi oħrajn ukoll u għalhekk l-imħarrek ma kien qiegħed jikser l-ebda regolament tat-traffiku. Dwar din is-sottomissjoni jingħad li l-fatt li d-direzzjoni li kien sejjer fiha l-imħarrek hija waħda li sewwieqa oħrajn ukoll jieħdu ma tnaqqas xejn mill-attenzjoni li hu jrid juri li ħa meta kien qiegħed jaqsam jew jaf li kien sejjer jaqsam il-korsija tat-traffiku li kien nieżel minn Triq il-Kuċċard;

Illi għalkemm ma ntweriex li l-imħarrek kien qiegħed isuq b'xi veloċita' eċċessiva, irid jingħad li n-nuqqas ta' attenzjoni għal dak li qiegħed iseħħ madwar dak li jkun huwa wkoll wieħed mill-fatturi li juru l-ħtija f'ħabta fuq it-triq. Il-Qorti hija tal-fehma li l-imħarrek naqas li juri dan il-grad meħtieġ ta' attenzjoni meta kien fl-inħawi u ħoloq il-kawża li wasslet għall-ħabta;

Illi, mill-ġabra ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha li għadhom kemm saru, il-Qorti ssib li kien l-imħarrek li jaħti għall-ħabta u li għalhekk għandu jagħmel tajjeb għall-ħsarat imġarrbin mill-attur *nomine* fil-karozza tiegħu;

Illi <u>għal dak li għandu x'jaqsam mal-ħsarat kawżati</u>, jibda biex jingħad li, fir-rapport tal-ħabta, joħroġ li l-ħsara fiż-żewġ karozzi maħbuta ma kinitx ċkejkna. Ftit jiem wara l-ħabta[17], sar eżami tal-karozza tal-attur *nomine* minn

[17] Dok "H",f'paġ. 12 tal-proċess

*surveyor* mibgħut mill-kumpannija assikuratriċi tal-imħarrek u minnha tidher stampa ċara tal-ħsara li ġarrbet il-karozza tal-attur *nomine*. Dawn il-ħsarat jaqblu mal-istimi mogħtija dwar l-ispejjeż li kellhom jintefqu għall-bdil tal-partijiet tal-karozza[18] u kif ukoll għax-xogħol l-ieħor li kellu jsir fuq il-karozza, flimkien mal-għadd ta' jiem li dawn it-tiswijiet kellhom idumu għaddejjin. It-tiswijiet saru lejn l-aħħar ta' Ġunju tal-2000, u l-attur *nomine* seħħlu juri li dan id-dewmien kien maħluq minħabba li l-imħarrek ma kienx qiegħed jaċċetta r-responsabbilta' u l-assikurazzjoni tiegħu ma awtoriżżatx li jinbdew ix-xogħlijiet[19];

Illi billi l-karozza tal-attur *nomine* kienet dik li tintuża uffiċjalment mill-Kummissarju Għoli fil-qadi tad-dmirijiet uffiċjali tiegħu, il-karozza ma kinitx f'qagħda li hekk tintuża sakemm tissewwa. Din hija raġuni li l-Qorti ssib li hija plawsibbli, u għalhekk taċċetta bħala xierqa u meħtieġa l-ħtieġa li l-attur *nomine* jitlob bħala dannu l-ispejjeż tal-kiri ta' karozza biex biha jinqeda l-Kummissarju sakemm baqgħet ma ssewwietx il-karozza tiegħu u, iżjed u iżjed, sakemm kienet għat-tiswija;

Illi dwar l-ispejjeż minfuqa mill-attur *nomine* għat-tiswija u l-kiri ta'karozza oħra, tressqu provi ċari li ma ġewx kontestati. Għalkemm l-attur *nomine* jgħid li huwa ressaq kopji taċ-*cheques* li bihom ħallas ilp-kontijiet mibgħuta, dawn ma jinsabux fil-proċess. Madankollu, hemm kopji tar-riċevuti maħruġin mill-garaxx li mingħandu nkrew il-karozzi u mingħand min sewwa l-karozza li, flimkien max-xhieda maħlufa, ma jħallu l-ebda dubju f'moħħ il-Qorti li l-ispejjeż reklamati (u mfissra sa minn meta tressqet iċ-Ċitazzjoni) ntefqu tassew u li kienu spejjeż imnissla mill-ħabta mertu tal-każ;

Illi, għalhekk, il-Qorti qegħda tillikwida l-ħsara mġarrba mill-attur *nomine* u li għandu jagħmel tajjeb għaliha l-imħarrek fis-somma ta' elf seba' mija u tmienja u għoxrin lira Maltija u tlieta u ħamsin ċenteżmu (Lm 1728.53);

[18] Dok "I",f'paġ. 13 tal-proċess
[19] Ara Dokti "F" u "G",f'paġġ. 10-1 tal-proċess

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi, fil-kontumaċja tal-imħarrek:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u tiddikjara li l-imħarrek jaħti għall-ħabta li seħħet fi Triq il-Kuċċard, San Ġiljan, fis-27 ta' Marzu, 2000, għall-ħabta tat-15.30, bejn il-karozza ABE-398 misjuqa minnu u l-karozza tal-attur *nomine* CDA-801 misjuqa minn Carmelo Borġ, u li għalhekk għandu jagħmel tajjeb lill-attur *nomine* għall-ħsara li dan ġarrab fil-karozza tiegħu;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tillikwida d-danni mġarrba mill-attur *nomine* fis-somma ta' elf seba' mija u tmienja u għoxrin lira Maltija u tlieta u ħamsin ċenteżmu (Lm 1728.53);

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** u tikkundanna lill-imħarrek iħallas l-imsemmija somma likwidata bħala danni lill-attur *nomine*; u

**Tikkundanna lill-imħarrek** iħallas l-ispejjeż tal-kawża, flimkien mal-imgħaxijiet legali fuq is-somma likwidata b'effett mis-16 ta' Frar, 2001, sal-jum tal-ħlas effettiv.

-------------------------------TMIEM-------------------------------